# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-1 ta' Marzu, 2022

Avviz tat-Talba numru: 310/2020 CL

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif debitament surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Charles Cauchi, kif ukoll l-istess Charles Cauchi (KI nru: 58763M)**

**VERSUS**

**Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma**

Ra t-talba li giet ipprezentat fit-3 ta' Dicembru 2020 fejn ghall-ahhar tas-sena 2016 u bidu sena 2017, il-korporazzjoni konvenuta kienet qed twettaq xogholijiet fil-pipijiet tal ilma fi Triq Trofmu, tas-Sliema. Illi ir-rikorrenti Charles Cauchi ghandu propjeta fi 36, Triq San Trofmu, Sliema, u fl-1 ta' Jannar 2017,il-fond tar-rikorrenti spicca milqut minn ingress ta' ilma, kagun tax-xogholijiet li kienu qed jsiru mill-korporazzjoni konvenuta. Illi r-rikorrenti Charles Cauchi ghamel *claim* mas-socjeta rikorrenti Elmo Insurance Limited u din halset id-danni subiti mill-istess Charles Cauchi b'dan illi giet surrogata fid-drittijiet kollha tieghu. Illi r-r-rikorrenti interpellaw lill-korporazzjoni konvenuta b'ittra guddizzjarja datat t-12 ta' Dicembru 2018 bin-numru 4438/2018 u b'ittra mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta numru 3197/2019 datat 21 ta' Ottubru 2019, ghall-liema ittri l-korporazzjoni konvenuta baqghet passiva.

Ghaldaqstant talbu sabiex il-korporazzjoni konvenuta tigi ikkundanata thallas is-somma ta' elf, tlett mija u tlett euro (€1,303) rapprezentanti danni ikkagunati mill-Korporazzjoni konvenuta sborsati minnha, kif ukoll thallas is-somma ta' hamsa u tletin euro (€35) lil Charles Cauchi rapprezentanti *access* imhallas minnu, bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll tal-Ittra ufficjali msemmija, bl-imghax mid-data tat-12 ta' Dicembru 2018.

Ra r-risposta li giet pprezentata mill-korporazzjoni konvenuta fit-8 ta' Jannar 2021, fejn preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati fill-fatt u fid-dritt, stante li kwalunkwe danni lamentati mill-attur sehhew minghajr il-htija jew responsabilita tal-korporazzjoni. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq l-atturi li jaghmlu prova tad-danni allegati u konsegwentement id-danni reklamati qed jigu ikkontestati. Illi l-korporazzjoni m'ghadhiex tigi

ikkundanata thallas l-imghax, l-ispejjez ta' din it-talba u dawk tal-ittri ufficjali msemmija fit-talba. Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti kif indirizzati fil-konfront tal-Korporazzjoni esponenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Ra l-affidavit tar-rikorrentI Charles Cauchi ipprezentat fl-20 ta' Mejju 2021, fejn iddikjara illi hu s-siid tal-propjeta 36, Triq San Trofimu, Sliema u meta sehh l-incident il-propjeta kienet mikrija lit-terzi. Fl-1 ta' Jannar 2017, l-inkwilin kien cempillu biex jghid illi kien dahhal ammont sostanzjali tal-ilma bil-basement tal-fond. Hu kien mar biex jara u jghinhom jnaddfu. l-ilma kien dahal mill-hajt li tmiss mat-triq. L-ghada meta rega' mar fuq il-post ra li l-ilma kien diehel fil-basement tal-propjeta tieghu mill-hajt li jigi taht it-triq. Hu cempel lil korporazzjoni tal-ilma biex jinfurmhom u marru haddiema biex jaghmlu xi xoghol quddiem id-dar tieghu, l-ghada fit-3 ta' Jannar 2019. Kif lestew mix-xoghol l-ilma waqaf. Hu kien fetah *claim* mal-insurance l-ghada tal-incident u fit-3 ta' Jannar 2017 kien mar rapprezentant taghhom biex jiehu ritratti u jaghmel rapport fuq l-incident. Hu garrab hsarat kawza ta' dan l-incident, fosthom tindif, kellu jzarma l-kamra, jizbogh zewg hitan u hsarat fil-gwardarroba, zewg kommodini, sodda u sett kxaxen li kienu ilhom biss ftit xhur ghandu. Hu kien thallas ghal dawn id-danni minn Elmo Insurance Ltd, izda hu kien qieghed jistenna lii jigi *refunded* mill-korporazzjoni tal-ilma.

Semghet ix-xhieda ta' Chiarlo Vella li huwa assistant manager claims fejn qal illi Charles Cauchi kien assikurat maghhom u kien mar jaghmel rapport fit-2 ta' Jannar 2017, li l-gurnata ta' qabel kien garrab xi perkulazzjoni tal-ilma fil-post tieghu f'tas-Sliema. L-ghada accedew fuq il-post fejn raw vlegga hamra mal-bankina xi erba' bibien il-fuq mid-dar ta' Cauchi li tindika li kienu ser jsiru xoghol ghax kien hemm kanna qed taghmel l-ilma. Din tidher a foll 30 tas-*survey report*. It-triq kienet gja maghluqa u kien hemm il-kuntrattur imma x-xoghol ma kienx gahdu beda.Kif dahlu god-dar l-ilma kien ghadu d-diehel u s-sur Cauchi kien il-hin kollu jixkuppa l-ilma. Dam xi siegha hemm u x'hin kien ser jitlaq, l-ilma beda jnaqqas ghax il-kuntrattur kien ghalaq l-ilma biex jibda x-xoghol. Kif jidher fir-ritratt kien fil-fatt beda x-xoghol fejn irrangaw xi kanna taht l-art li kienet marret li kienet taghti ghad-dar ta' Cauchi. L-ghada l-klijent infurmhom illi l-ilma kien waqaf u din ikkonfermat illi l-ilma kien gej mill-kanna. Il-hsarat kienu jikkonsistu fit-tibjid tal-hitan wara li jhallih jinxef li kien hemm ircevuta ta' €400 u l-hsara fil-kamra tas-sodda li kienet irriparabbli u kellha tinbidel skond l-ircevuta ta' €938 tal-kamra tas-sodda l-gdida. l-*claim* kien €1303 u €35 li hallas Cauchi biex jiftah il-*claim* hekk kif jidher spjegat fis-survey report.

Fis-19 ta' Jannar 2022 xehed Charles Zahra rapprezentant leak control mal-korporazzjoni konvenuta li qal illi huma kull ma kellhom kien rapport li jindika li ghal habta ta' 2.27pm fit-2 ta' Jannar 2017, kienet dahlet telefonata minn Charles Cauchi bhala rapport u wara ftit rega' saret call ohra bhala reminder dwar ilma li kien diehel mill-hajt, fi Triq Tronfu, Sliema mmarkat Dok CZ1. Hu ma jiftakarx ezatt imma li jigri hu li jsir detection bil-lejl bi strumenti biex jisimghu l-hsejjes. L-ghada filghodu mar il-kuntrattur jirranga. Fl-4 ta' Jannar 2017, cempel lil Sur Cauchi u qallu li kollox kien sew. Li jigri hu pipe jkun gralu hsara, jkun ittaqqab u bidlu l-pipe li kien taht l-art wara li hafru u l-ilma waqaf. l-ilma

kien mar fil-basement ta' Cauchi. li gara kien wear and tear, hsarat normali, tort ta' hadd ma kienx hemm negligenza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet nhar il-5 ta' Jannar 2023.

It-talba f'din il-kawza hija dwar hsarat li kien hemm fil-pajpijiet tal-ilma taht it-triq illi ikkawzaw danni fil-propjeta ta' Carmel Cassar li huwa l-assikurat ta' Elmo Insurance Ltd. Illi s-socjeta konvenuta ghamlet ix-xogholijiet flit-triq u irrizulta li kien hemm hsarat fil-pajpijiet tat-triq. Illi ghalhekk ma kien hemm ebda dubju li l-hsara li kien hemm fil-propjeta ta' Cassar, kienet minhabba fil-hsara fil-pajp ta' taht it-triq li taqa' taht ir-risposabilita' tas-socjeta konvenuta. Is-socjeta attrici sostniet illi la l-hsara kien propju fil-pajp li kienet taqa' taht ir-risposabilita' tas-socjeta konvenuta, hi kellha thallas ghad-danni sofferti mill-assikurat taghha. Is-socjeta konvenuta min-naha taghha sostniet li l-hsara ma kinitx rizultat ta' xi negligenza u malli giet a konnessjoni taghhom mill-ewwel ghamlu x-xogholijiet necessarji. Ghalhekk stante li l-hsara kienet ta' *wear and tear* ma kellhomx jinzammu risposabbli. It-Tribunal jaghmel referenza ghar ***Rikors Numru 138/2018 RM GasanMamo Insurance Ltd. vs Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma deciza 7 ta' Marzu 2022*** fejn ic-cirkustanzi kienu simili tal-kawza odjerna u l-Qorti kienet qalet:

*Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma tista' tirravviza ebda fattur estern li l-eżistenza tiegħu huwa meħtieġ għar-riskontru tal-element ta' fortuwita`, u dan għaliex kif diġa' ġie stabbilit, il-kaġun tal-ingress tal-ilma fil-basement in kwistjoni huwa identifikabbli unikament fid-deterjorazzjoni minħabba wear and tear li l-konvenuta tgħid li hija stess ikkostatat fil-pipe li kien sitwat taħt it-triq, pipe li jirriżulta li kien ukoll taħt il-kontroll tagħha. Għaldaqstant ma jistax jigi ravviżat f'dan l-isfond ta' fatti, l-elementi meħtieġa għall-fortuwita', ċioe` l-elementi ta' imprevidibbilita` jew inevitabbilita`, anke għaliex pipe li l-ilma kostatantement jgħaddi minnu, hu mistenni li jiddeterjora u jiżviluppa ħsara li twassal għal ħrug u konsegwenti skular ta' ilma.*

*Għal dawn l-istess raġunijiet, id-deterjorazzjoni fil-pipe in kwistjoni ma tistax titqies bħala deterjorazzjoni raġjonevoli: kif diġa' stabbilit, jirriżulta li minn dan il-pipe kien skula kwantita' sostanzjali tal-ilma li għerreq il-basement f'ħin relattivament qasir. Fuq kollox, il-konvenuta ma ressqet l-ebda provi biex turi kif din id-deterjorazzjoni kienet "raġjonevoli" fiċ-ċirkostanzi. Għaldaqstant, applikat l-insenjament dottrinali in materja, huwa ppruvat li l-Korporazzjoni taħti għall-ħsarat ikkaġunati għaliex id-deterjorazzjoni fil-pipe kienet prevedibbli u indubbjament, din il-ħsara kienet tkun ukoll evitabbli kieku saret manutenzjoni regolari fuq is-sistema tal-kanen tal-ilma biex dawn ma jispiċċawx bi ħsarat li effettivament taw lok għall-estremi ta' skular ta' ilma bħal dak riskontrat f'dan ik-każ.*

*Għaldaqstant, il-Qorti hija konvinta illi ġie ppruvat fil-grad meħtieġ mil-liġi ċioe' fuq preponderanza tal-probabbilitajiet, illi l-ħsara li ġiet ikkaġonata lill-ħwejjeġ tal-assigurat tas-soċjeta' attriċi, seħħet minħabba l-ħtija tal-konvenuta. Dan ifisser illi t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta fir-Risposta tagħha, m'humiex tajbin u ser jiġu respinti .*

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jiddikjara s-socjeta konvenuta risponsabbli ghad-danni sofferti u jikkundana lil-istess socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf, tlett mija u tlett euro (€1,303) rapprezentanti danni ikkagunati mill-Korporazzjoni konvenuta sborsati minnha, kif ukoll thallas is-somma ta' hamsa u tletin euro (€35) lil Charles Cauchi rapprezentanti *access* imhallas minnu, bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll tal-Ittra Ufficjali msemmija u bl-imghax mid-data tat-12 ta' Dicembru 2018 sal-hlas shih.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**